# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Settembru, 2016.**

**Rikors Numru 1217/2016**

**Labomed Limited**
**(C – 27866)**

**vs.**

**Is-Suprintendent tas-Sahha**
**Pubblika *qua* l-Awtorita`**
**dwar il-Licenzji**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-22 t'Awwissu, 2016, (ara foll 1 *et sequitur*);

2.0 Regghet rat id-digriet preliminari precendenti taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu ta' qabel, (ara foll 1 u 20), li permezz tieghu:

2.1. Iddikjarat li rat l-istess rikors guramentat promotur;

2.2. Akkoljiet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti b'mod provizorju;

2.3. Ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro-parti ghar-risposta;

2.4. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Rat ir-risposta tal-intimat datata l-1 ta' Settembru, 2016, (ara foll 23);

4. Rat id-dokumenti kollha annessi mill-partijiet;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi permezz tar-rikors guramentat promotur fuq indikat is-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

6.1. Illi ghandha interess li jigu protetti d-drittijiet taghha u ghalhekk tixtieq izzomm lill-intimat milli jipprocessa, jaccetta, jew jirregistra l-applikazzjoni indikata fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1), li giet, jew ghad trid tigi sottomessa minn Catherine Mifsud hemm ukoll indikata;

6.2. Illi l-applikazzjoni *de quo* hi intiza ghat-trasferiment tal-licenzja ta' Spizerija enumerata DL027 mill-istess Catherine Mifsud favur *Brown's Pharma Limited*;

6.3. Illi din it-talba qed issir ghar-ragunijiet segwenti hawn sintetikament elenkati:

6.3.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 3 tar-Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Ispizeriji kull minn ghandu licenzja jista` jittrasferiha permezz t'applikazzjoni lill-Awtorita` dwar il-Licenzji;

6.3.2. Illi wara trattattivi li kienu ilhom ghaddejjin minn Jannar tal-2016, fl-20 ta' Lulju, tal-istess sena, l-

imsemmija Catherine Mifsud obbligat ruhha li tittrasferixxi l-licenzja numru DL027 lis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 6), ghall-prezz hemm pattwit;

6.3.3. Illi fl-istess skrittura l-istess partijiet qabblu fuq is-segwenti:

6.3.3.i Illi Mifsud intrabtet li titrasferixxi l-licenzja *de quo* ghall-prezz hemm indikat lis-socjeta` rikorrenti;

6.3.3.ii. Illi kellu jsir inventarju tal-istokk, apparat u makkinarju tal-ispizerija "*St Louis Pharmacy"*, il-Mosta;

6.3.3.iii. Illi l-bejgh tal-istokk, apparat u makkinarju hu distint mit-trasferiment tal-licenzja;

6.3.3.iv. Illi wara l-ftehim fuq l-istokk ta' medicini perikoluzi kellhom jimlew applikazzjoni ghall-varjazzjoni ta' licenzja ta' spizerija li kellha tigi sottomessa lill-Awtorita` kompetenti;

6.3.3.v. Illi l-pagament pattwit u l-akkont ghall-inventarju fuq riferit kellhom jigu effettwati meta jkunu ghand in-nutar;

6.3.4. Illi Mifsud gharfet lis-socjeta` rikorrenti permezz ta' messagg ittextjat li kienet biddlet fehemtha u kienet qed terga` lura mill-ftehim, (ara foll 7);

6.3.5. Illi effettivament fis-26 ta' Lulju, 2016, naqset ukoll li tidher quddiem n-nutar biex tiffirma l-applikazzjoni ghall-varjazzjoni ta' licenzja in kwistjoni;

6.3.6. Illi r-raguni m'onoratx il-ftehim taghha mas-socjeta` rikorrenti kienet li l-ghada l-21 ta' Lulju, 2016, dahhlet f'konvenju separat ma' *"Brown's Pharma Limited"* ghall-bejgh tal-licenzja ghall-prezz aktar vantagguz, (ara foll 8);

6.3.7. Illi l-konvenju *de quo* gie maghmul ghall-perjodu ta' tlett (3) xhur u gie suggett ghall-kundizzjoni li l-Awtorita` involuta tapprova l-istess trasferiment;

6.3.8. Illi skont informazzjoni ricevuta jidher li fit-2 t'Awwissu, 2016, giet sottomessa lill-intimat applikazzjoni datata is-26 ta' Lulju, 2016, ghat-tibdil ta' licenzja, liema applikazzjoni giet abbuzivament u illegalment iffirmata mill-imsemmija Catherine Mifsud bhal l-persuna prezentement detentrici tal-licenzja lill-*"Brown's Pharma Limited*, u dan, meta iz-zewg partijiet kienu jafu li Mifsud kienet gia` obbligat ruhha li timla l-istess applikazzjoni biex l-intimat japprova l-licenzja, favur is-socjeta` rikorrenti;

6.3.9. Illi ser tiehu passi legali kontra Mifsud biex tigi ordnata tittrasferixxi l-licenzja lis-socjeta` rikorrenti;

6.3.10. Illi din l-azzjoni tispetta lis-socjeta` rikorrenti *prima facie*;

6.3.11. Illi altrimenti s-socjeta` rikorrenti tkun pregudikata fid-drittijiet taghha irrimedjabbilment;

6.3.12. Illi ghalhekk titlob li tohrog il-mandat t'inibizzjoni *de quo ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u *ai termini* tal-artiklu 875 tal-istess ligijiet;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi min-naha tieghu l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

7.1. Illi t-talba ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni m'ghandiex tigi akkolta ghar-ragunijiet segwenti:

7.1.1. Illi tali talba hi regolata mill-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq indikat;

7.1.2. Illi ma tezisti l-ebda raguni ghaliex tali talba ghandha tigi milqugha;

7.1.3. Illi s-socjeta` rikorrenti m'ghandiex interess guridiku fil-konfront tal-intimat biex twaqqaf l-ipprocessar tal-applikazzjoni in kwistjoni;

7.1.4. Illi s-socjeta` rikorrenti gia` intavolat talba ghal mandat simili fil-konfront ta' Catherine Mifsud, (ara foll 26);

7.1.5. Illi ma jirrizultax li s-socjeta` rikorrenti ghandha xi dritt x'tikkawtela fil-konfront tal-intimat *stante* li l-kwistjoni hi purament bejn is-socjeta` rikorrenti u Mifsud;

7.1.6. Illi ghandu l-obbligu legali li jipprocessa talbiet ghat-trasferiment ta' Licenzji sakemm dawn jissodisfaw il-kriterji legali involuti;

7.1.7. Illi kemm -il darba ma jaghmilx hekk ikun qieghed jonqos milli jespleta d-doveri tieghu;

7.1.8. Illi *di piu`*, ikun qieghed jesponi ruhhu ghall-attakk gudizzjarju minn min ikollu interess guridiku fil-processar ta' tali applikazzjoni;

7.1.9. Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghandha tigi michuda;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi mill-analizi tal-vertenza kif esposta mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet u mid-dokumenti esposti *in atti*, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi s-socjeta` rikorrenti u Catherine Mifsud lahqu ftehim datat l-20 ta' Lulju, 2016, (ara foll 6), li permezz tieghu Mifsud intrabtet li tittrasferixxi l-licenzja DL027 minn fuqha ghal fuq is-socjeta` rikorrenti, ghall-konsiderazzjoni monetarja hemm indikata;

8.2. Illi l-inventarji kellhom jigu redatti separatament u kellu jithallas depozitu indikat fl-istess ftehim fuq riferit, (ara foll 6);

8.3. Illi sussegwentement l-imsemmija Mifsud ikkonkludiet ftehim iehor sussegwenti ma' socjeta` ohra li permezz tieghu kienet ser tippercepixxi somma akbar, (ara foll 8);

8.4. Illi in vista tal-istess l-imsemmija Mifsud tat bidu ghat-trasferiment tal-istess licenzja indikata qabel favur din it-tieni socjeta`;

8.5. Illi kemm -il darba l-intimat, bhala l-Awtorita` responsabbli mill-licenzji in dizamina, jirrikonoxxi tali trasferiment, id-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti hawn vantati jigu kollha irrimedjabbilment pregudikati;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi in vista tal-premess tirrileva sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq riferit ghandu jkun pacifiku li l-iskop tal-procedura odjerna hu li jinterdixxi lill-intimat milli b'xi mod, ikun li jkun, jaghmel xi haga fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti li tista` tirrekalu l-hsara minnu indikata fir-rikors guramentat promotur;

9.2. Illi biex dan l-iskop jintlahaq b'mod legittimu jinhtieg is-segwenti:

9.2.1. Illi s-socjeta`rikorrenti trid turi li l-mandat minnha rikjest hu necessarju biex jittutela d-drittjiet legittimi taghha;

9.2.2. Illi jkun ukoll jidher li s-socjeta` rikorrenti ghandha dawk id-drittijiet minnha vantati tal-anqas fil-livell ta' *prima facie*, (ara ***Sammut vs. Sammut, Prim' Awla Qorti Civili***, datata l-***5 ta' Gunju, 2003***);

Ikkunsidrat:

10. Illi biex tali procedura tirnexxi s-socjeta` lanjanti jinhtieg li tipprova li bil-possibbli azzjoni tal-intimat minnha individwata, hi tkun ser tbaghti pregudizzju, (ara ***Grech proprio et nomine vs. Manfre`, Qorti tal-***Appell, datata l-***14 ta' Lulju, 1988, Vol. LXXII. II. p. 290***, u ***40, Main Street, Catering Establishment Limited vs. l-Awtorita` tal-Ippjanar***, datata t-***2 ta' Novembru, 2010***);

11. Illi *di piu`*, iz-zewg (2) rekwiziti fuq elenkati, (ara paragrafu numru disgha punt tnejn, (9.2.), aktar qabel), ghandhom ikunu kkunsidrati kumulattivament u mhux alternattivament;

12. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li jekk xi wiehed mill-istess rekwiziti fuq elenkati ma jirrizultax, it-talba tas-socjeta` rikorrenti lanjanti ma tkunx tista` tigi akkolta;

13.0. Illi jigi wkoll sottolineat f'dan ir-rigward li l-qorti kolpita b'tali rikjesta specjali ghandha l-obbligu:

 13.1. Kemm li tkun oggettiva fl-analizi taghha tal-vertenza in kwistjoni; u

 13.2. Kemm li tuza interpretazzjoni restrittiva fir-rigward;

14. Illi ghandu wkoll ikun pacifiku li l-procedura odjerna hi wahda li hi ta' natura eccezzjonali – ghalkemm necessarjament sommarja;

15. Illi ghalhekk fl-analizi taghha f'dan il-livell tal-procedura din il-qorti hi impedita milli tidhol u tanalizza l-mertu tal-istess fil-profondita` li jixraq;

16. Illi jinghad ukoll li l-fatt li tintlaqa` t-talba fih innifsu ma jfissirx li d-dritt vantat ikun gie debitament ipprovat, u *vice versa*, il-fatt li l-istess talba ma tintlaqghax, ma jfissirx li l-istess dritt ma jezistix;

Ikkunsidrat:

17. Illi pero` ghandu jinghad li *ai termini* tal-artiklu 873(3) tal-Kap 12 in dizamina, gie kkonfermat li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma kien fil-fatt mahsub li jsir;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi minn ezami tas-suespost u tat-trattazzjoni orali tal-partijiet jirrizulta sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi s-socjeta` rikorrenti lahqet ftehim preliminari ma' sid il-licenzja in dizamina li din kellha tittrasferixxi l-istess licenzja tal-ispizerija taghha flimkien mal-istokk, apparat u makkinarju ghall-konsiderazzjonijiet separati;

18.2. Illi minkejja dan il-ftehim preliminari, jidher li l-imsemmija Mifsud innegozjat l-istess licenzja ma' socjeta` farmacewtika ohra;

18.3. Illi peress li tali licenzji, jirrikjedu l-intervent tal-Awtorita` appozita dwar il-licenzji, l-istess Mifsud tat ukoll bidu ghall-procedura tat-trasferiment tal-istess licenzja favur din it-tieni socjeta`;

18.4. Illi kemm -il darba l-Awtorita` koncernata takkolji tali talba ghat-trasferiment tal-licenzja, allura s-socjeta` rikorrenti tkun pregudikata irrimedjabbilment fid-drittijiet minnha vantati naxxenti mill-ftehim preliminari li kkonkludiet ma Mifsud fuq riferit;

Ikkunsidrat:

19. Illi in vista tal-premess, ghandu jkun pacifiku li l-preokkupazzjoni vantata mis-socjeta` rikorrenti permess tar-rikors guramentat promotur hi effettivament wahda reali, possibbli u attwabbli;

20. Illi d-dritt rikjamat mis-socjeta` rikorrenti f'din il-procedura biex tipprotegi l-posizzjoni taghha fir-rigward jirrizulta ghahekk li hu wiehed konkret u jimmerita l-protezzjoni hawn rikjamata;

21. Illi ghalhekk hi l-fehma ta’ din il-qorti li l-istess preokkupazzjoni tas-socjeta` rikorrenti hi effettivament *prima facie* legittima u ghandha tattira l-protezzjoni statutorja rikjesta;

**DECIDE:**

22.0. Illi in vista tas-suespost tqis li s-socjeta` rikorrenti ppruvat it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

22.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

22.2. Tirrespingi r-risposti tal-intimat;

22.3. Tvarja d-digriet precedenti taghha datat it-22 t’Awwissu, 2016, *contrario imperio*, b’mod li issa l-mandat *de quo* jinhareg b’mod permanenti;

22.4. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-istess socjeta` rikorrenti *stante* li l-intimat sab ruhhu fis-sitwazzjoni prezenti intortament;

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**